# IL-FESTA TAL-KUNĊIZZJONI QABEL IL-GWERRA

### minn Charles Clews

**Darba, qabel il-Gwerra (1939-1945), lil ommi, Alla jaħfrilha, niftakarha tgħidli li, 'Pjazza Paolino Vassallo, ta' Bormla, fil-festa tkun imżejna qisha sala'. U bir-raġun kollu.**

**Armar kien hemm, kollox sewwa, iżda li kien jagħmilha** *sala* kien il-fatt li Pjazza Paolino Vassallo kienet *magħluqa* minn erba' bnadi. Barra l-ħajt tat-Tarzna (li kien għoli ħafna u kien igħin għall-effett) u l-ħajt tal-faċċata tiegħu, kien hemm djar fejn illum hemm is-Sluta, u bini sabiħ, għoli, b'gallerijiet twal, in-naħa l-oħra, li kien qisu jibda minn fejn il-ħanut ta' Pavia, u jibqa' sejjer sa bi dritt Sqaq Santa Tereża.

Terġa', f'dan il-bini, fis-sulari ta' fuq kien hemm il-każin tal-football, imżejjen kif imiss, kif kien ikun imżejjen il-każin tal-banda, fejn illum hemm ir-Rialto. Dawn, flimkien mat-tiżjin tal-festa, kienu igħinu biex tabilħaqq, il-pjazza ssir *sala,* verament.

B'ħasra kbira, l-armar tal-festa kien kollu nqered bil-gwerra, u niftakar li wara l-gwerra beda jintrama armar li kien fl-antik jintuża fil-festa tas-Salib Imqaddes, li kienet issir fuq skala kbira.

Naturalment, issa Pjazza Paolino Vassallo ħadet xejra oħra: b'żewġ statwi sbieħ



tassew, armar ġdid u sabiħ li kontinwament qegħdin iżidu ta' kull sena l-Għaqda Dilettanti tal-Festa, ħa medda li tpaxxi l-għajn li tibqa' sejra sax-Xatt.

Dan l-aħħar tkellimt ma' patri ħabib tiegħi, anzjan bħali, li tani tagħrif tassew interessanti. Il-Bormliżi minn dejjem kienu jħobbu n-Novena tal-Madonna, u erħilhom li għall-quddiesa ta' fil-għodu, li kienet toħroġ fil-5.00 a.m., kienu jkunu wara l-bieb tal-knisja sa mit-3.30 a.m. - kesħa u xita, ma jimpurtax għalihom.

Fl-aħħar Salve, meta kien jiġi mtella' l-Papa Piju IX, kulħadd għal Triq tal-Baħar, fejn kien hemm id-Domus Piju IX, u mnejn kienet toħroġ l-istatwa tal-Papa, għad-dimostrazzjoni, b'marċ à la Veneziana, bil-fanali tal-karti mixgħulin bix-xemgħa minn ġewwa.

Lejlet il-festa, ma' l-4.00 p.m. jibda l-Għasar Solenni, li għalih kienu jmorru l-Kanonċi bil-mixi mid-dar tagħhom, liebsin *gala,* bil-bokkli fiż-żarbun, bil-firjolun u bil-kappell tar-rix u bir-rużetta f'subgħajhom, lejn knisja mżejna mill-aqwa.

F'jum il-festa, sa mill-4.00 a.m. jibda l-quddies, b'qassisin u patrijiet jiġu jqaddsu minn kullimkien, l-iżjed saċerdoti Bormliżi.

Il-Patri Superjur ta' Santa Tereża bħala rappreżentant tal-Komunità Tereżjana, kien imur iqaddes liebes b'kappa bajda, mill-Kunvent sal-Parroċċa, akkumpanjat minn fratell, ħalli jgħinu fil-quddiesa, liebes ukoll il-kappa.

Mad-9.00 a.m. kulħadd għall-quddiesa kantata solenni, u l-Paniġierku. Il-mużika tal-festa kienet tas-Surmast Paolino Vassallo, u meta dan il-kbir mużiċista u kompożitur miet, il-mużika bdiet tkun dik ta' surmast ieħor ċelebri - Mro. Carlo Diacono.

Dak iż-żmien, kien hawn min, għall-ħabta tas-siegħa ta' fuq nofsinhar, fit-toroq iġib xi banda ċkejkna, jew jazz, bin-nies tixrob u tiżfen mal-mużika. Iżda l-kaxxi tad-daqq, il-famużi terramġka, kienu jibdew minn filgħodu jduru u jdoqqu dawk il-famużi valzi, polka, u


**LA BUONA DOLCERIA**
PASTIZZERIA

**Valletta Road, Mosta**
**Tel: 492904**

*Accepts orders for:*
**Weddings, Engagements, Baptisms, Parties, etc**

xi marċ brijuż, b'wieħed idawwar ir-rota ħalli l-kaxxa ddoqq, b'ħafna figuri fuq il-kaxxa jduru, u raġel ieħor jibda jagħmel il-kutrumbajsi, u meta jieqaf iċekċek plattin żgħir tar-ram, ħalli titfagħlu xi sitt ħabbiet jew sold (5 mils!) Kif spiċċaw dawk it-terramaġki. Ħasra!

Ma għandniex xi ngħidu, il-qofol tal-festa ikun dejjem il-proċessjoni b'dawk iż-żewġ waqfiet ħelwin quddiem il-monasteru ta' Santa Margerita, u l-Konservatorju San Ġużepp, u x-Xgħajra, għall-musketterija.

Niftakar ix-Xgħajra kif kienet dari, bil-balavostri, mad-dawra kollha mdawwrin bil-musketterija li kienet qisha ma se tispiċċa qatt, daqs kemm kienet tkun twila.

Tiftakar kif kulħadd kien irid li għall-festa jkollu libsa ġdida. Dak inhar irid *iżanżan:* libsa, qmis, żarbun, u żgħar u kbar, kappell ġdid. Tiftakar is-Suq mimli bħal bajda meta jsir il-kunċert ġenerali tal-marċi ġodda.

Iżda, kollox ma' kollox, u fuq kollox, *tibqa' ssib* li l-Bormliżi għadhom l-istess, iħobbu l-festa, għadhom jiġu minn kull parti ta' Malta għaliha, llum iżjed għax bl-evakwazzjoni tal-gwerra, il-Bormliżi nfirxu aktar ma' Malta; l-armar tal-festa għadu jiżdied kull sena u dejjem isbaħ, u opri ġodda jsiru kull sena.

U l-festa għadha ssir solenni, sabiħa, u popolari, **bħal dejjem.**

* * * * *


# GĦALL-INDURATURI

Deheb ta' l-induratura, silver leaf, aluminium leaf, kolla tal-fniek, u l-artikli kollha għall-induratura

mingħand:

THEUMA _Co. LTD.

THEUMA HSE, 302 ST. PAUL'S STR., VALLETTA. TEL: 626105.